# Direttorat tal-Kultura: Influss - Residenza Artistika

## X’tinvolvi r-Residenza Artistika Influss?

Influss, hija residenza artistika multidixxiplinarja ffukata fuq il-valur intrinsiku tax-xogħol kreattiv. Id-Direttorat tal-Kultura jipprovdi lil prattikanti kreattivi b’opportunità fejn l-indaġni kreattiva tista' tieħu l-ħajja, filwaqt li tkun imsejsa fil-pajsaġġ kulturali u fiżiku speċifiku ta' Malta.

L-għan ewlieni ta’ dir-residenza artistika huwa li jimxi lil hinn mill-mudell tradizzjonali bbażat fuq il-produzzjoni. Minflok, id-Direttorat tal-Kultura jfittex li jippromwovi l-valur intrinsiku tal-proċessi artistiċi u kreattivi.

Mibnija fuq it-tliet pilastri **tal-indaġni, l-immersjoni u l-esperimentazzjoni,** ir-residenza timmira li:

**Trawwem Indaġni Kritika:** Li tipprovdi lill-prattikanti kreattivi bi spazju fejn ikunu jistgħu isegwu direzzjoni kreattiva speċifika u jesplorawha fid-dettall. Kemm xogħol ibbażat fuq il-prattika kif ukoll riċerka teoretika/materjali huma t-tnejn milqugħa.

**Tiffaċilita l-Immersjoni fil-Kuntest:** Li tiżgura li l-prattika internazzjonali titwaħħad mal-kuntest lokali. L-għan huwa li nimxu lil hinn minn osservazzjoni passiva u ninkoraġġixxu involviment attiv mal-ekoloġija kreattiva ta' Malta, is-siti ta' wirt kulturali tagħha, il-komunitajiet tagħha, u l-professjonisti tal-industrija tagħha.

**Tippermetti l-Esperimentazzjoni:** Li tinkoraġġixxi l-evoluzzjoni tal-prattika artistika. Nistiednu lir-residenti biex jesploraw ix-xogħol tagħhom taħt lenti ġdida: kemm permess ta’ ttestjar ta’ metodoloġiji ġodda, kemm permezz tal-applikazzjoni ta’ tekniki stabbiliti f'ambjent differenti u uniku. Id-Direttorat jifhem it-toroq varji tal-proċessi kreattivi, u b’hekk, jagħti priorità lill-integrità tal-esplorazzjoni u l-iżvilupp personali tal-prattikant kreattiv.

Dan il-programm huwa ffinanzjat mid-Direttorat għall-Kultura, b'kollaborazzjoni mas-Soċjetà Maltija tal-Arti u l-Valletta Design Cluster permezz tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta.

## Dati Ewlenin u Skedi ta’ Żmien

| | |
|---|---|
| Pubblikazzjoni tas-Sejħa | 30 ta’ Marzu 2026 |
| Data ta’ Skadenza | 21 ta’ April 2026 |
| Riżultati | 5 ta’ Ġunju 2026 |

Il-programm jagħżel massimu ta' erba' artisti, imqassma f'żewġ gruppi distinti. L-applikanti se jintalbu jispeċifikaw id-disponibbiltà tagħhom għal wieħed minn dawn il-perjodi jew għat-tnejn, għal minimu ta' tliet ġimgħat u massimu ta' erba' ġimgħat:

- L-Ewwel Grupp: 31 ta’ Awwissu - 30 ta’ Settemrbu 2026
- It-Tieni Grupp: 15 ta’ Ottubru - 15 ta’ Novembru 2026

**Nota dwar il-Flessibiltà:** Id-dati msemmija hawn fuq huma indikattivi. Id-dati preċiżi tal-wasla u t-tluq tal-benefiċjarji tiġi miftiehma flimkien mad-Direttorat, ibbażata fuq l-iskedi tat-titjiriet u d-disponibbiltà loġistika.

## Kriterji ta' Eliġibbiltà

- Din ir-residenza hija ddisinjata għal prattikanti individwali; applikazzjonijiet minn dwetti jew kollettivi mhux se jiġu aċċettati.
- Is-sejħa hija miftuħa għal artisti u professjonisti kulturali individwali, b'minimu ta' **sentejn esperjenza** u prattika ppruvata fil-qasam rispettiv tagħhom.
- L-applikanti jridu jkunu attivi f'wieħed mis-setturi li ġejjin: Arkitettura, Wirt Kulturali, Disinn u Disinn tal-Moda, Letteratura, Mużika, Arti tal-Ispettaklu, u/jew Arti Viżiva.
- L-applikanti jridu jkollhom mill-inqas **18-il sena** fil-mument tal-applikazzjoni.
- Il-proċedura tal-applikazzjoni mhix miftuħa għal artisti li bbenefikaw minn programm ta' residenza artistika offrut mill-Gvern ta' Malta fl-aħħar ħames snin.
- Filwaqt li l-programm huwa mmirat lejn artisti internazzjonali, l-applikanti jridu juru profiċjenza operazzjonali effettiva fil-lingwa Ingliża (qari, kitba, taħdit). Prova tal-komprensjoni tal-lingwa għandha tiġi inkluża fis-C.V.
- Applikazzjonijiet li jfittxu fondi purament għall-ivvjaġġar biex jippreżentaw xogħol maħluq preċedentement f'ambjent professjonali (eż., wirjiet itineranti, kunċerti, jew wirjiet teatrali) mhux se jiġu kkunsidrati.

## Appoġġ Finanzjarju

Din ir-Residenza Artistika tippermetti għotja massima ta’ **€5,000 għal kull benefiċċjarju.**

Dan l-ammont huwa maħsub biex ikopri:

- Biljetti tal-ajru bir-ritorn fil-klassi ekonomika mill-pajjiż tar-residenza għal Malta.
- Spejjeż tal-kiri ta' appartament jew kamra mgħammra (self-catering) f'Malta għat-tul tar-residenza (jekk mhux ipprovduta).
- Remunerazzjoni tal-Artist: Ħlas gross għall-ħin u x-xogħol tar-resident.
- Sussistenza: Allowance ta' kuljum biex tkopri l-ikel, xiri lokali, u spejjeż bażiċi tal-għajxien. Biex tiffaċilita l-amministrazzjoni u tiżgura trattament ugwali, dan huwa kkalkulat b'rata fissa ta' **€35 kuljum**. Dan huwa pagament f'daqqa (lump sum) u ma jeħtieġx irċevuti fl-istadju tar-rappurtar.
- Spejjeż ta' Produzzjoni/Riċerka: Dawn ivarjaw b'mod sinifikanti skont id-dixxiplina u n-natura tal-proġett. Kemm jekk il-baġit jalloka fondi għal tila u tafal (Arti Viżiva) jew għal abbonamenti ta' softwer u tariffi ta' aċċess għal siti (Arkitettura/Riċerka), kollha huma kkunsidrati eliġibbli dment li jkunu ġustifikati fil-proposta.

- Kollaboraturi: Kwalunkwe kollaboratur lokali mqabbad mill-artist irid ikun remunerat b'mod ġust skont l-istandards tas-settur. Dawn għandhom ikunu appoġġjati minn fattura (invoice) indirizzata lid-Direttorat għall-Kultura.

Spejjeż li ma jistgħux jiġu kopruti:

- Persuni terzi: L-ispejjeż tal-ivvjaġġar, ikel jew akkomodazzjoni għal sħab jew membri tal-familja huma r-responsabbiltà tal-benefiċjarju. Id-Direttorat għall-Kultura mhux se jkopri dawn l-ispejjeż.
- Iffinanzjar Doppju: Spejjeż li huma diġà koperti minn korp ta' finanzjament ieħor għall-istess proġett.
- Ix-xiri ta' tagħmir jew assi li jdumu aktar mit-tul tar-residenza (eż. laptops, kameras, tablets, drones, strumenti mużikali). Il-kiri ta' tali tagħmir huwa permess.
- Trasport ta' Xogħlijiet: Spejjeż tat-tbaħħir (shipping) għat-trasport ta' materjali jew xogħlijiet tal-arti lesti lejn/minn Malta.

## Żborż tal-Fondi

Biex jiġi appoġġjat il-likwidità (cash flow) tal-benefiċjarju, l-għotja se tiġi żborżata f'żewġ pagamenti (tranches):

- **L-ewwel pagament (60% - €3,000):** Jingħata bil-quddiem wara l-iffirmar tal-Ftehim, flimkien mas-sottomissjoni tal-konferma tal-ibbukkjar tat-titjira u l-ewwel fattura.
- **It-tieni pagament (40% - Max. €2,000):** Jiġi rilaxxat mat-tlestija b'suċċess tar-residenza u l-approvazzjoni tar-Rapport Finali (inkluża r-rikonċiljazzjoni finanzjarja tal-ispejjeż reali).

**Rikonċiljazzjoni Finanzjarja:**

- **Sussistenza:** L-ebda rċevuta ma hi meħtieġa (rata fissa). Din għandha tiġi inkluża fil-fattura.
- **L-ispejjeż l-oħra:** Irċevuti u fatturi għat-titjiriet, akkomodazzjoni, produzzjoni, u ħlasijiet iridu jiġu sottomessi lid-Direttorat għall-Kultura mar-Rapport Finali. It-Tieni Pagament se jkun aġġustat ibbażat fuq in-nefqa eliġibbli attwali (iżda qatt ma jaqbeż it-total ta' €5,000).

## Il-‘Buddy System’

Il-‘Buddy System’ huwa element ġdid fi ħdan ir-residenza artistika - bil-għan li jsaħħaħ u jiffaċilita it-tliet pilastri ta’ Influss: l-indaġni, l-immersjoni u l-esperimentazzjoni. Permezz tas-sħubija bejn il-benefiċjarju u il-prattikant kreattiv lokali, l-immersjoni fil-kuntest kulturali Malti jiġi iffaċilitat u approfondit, filwaqt li jinkoraġġixxi relazzjonijiet orizzontali bejn artisti lokali u internazzjonali. Din is-sħubija ser tkun ibbażata fuq l-elementi li ġejjin, inklużi iżda mhux limitati għad-dixxiplina, il-proċess, it-tematika, il-kuntest u l-esperjenza prattika - kif ippreżentat fl-applikazzjoni.

## Lista ta' Kontroll tal-Proposta: l-Għanjiet Ewlenin

L-applikanti jridu jiżguraw li l-pjan tal-proġett tagħhom jinkludi dawn il-punti mandatorji:

**[ ] Implimentazzjoni tal-Proġett / Indaġni ta' Riċerka:** Iddedika l-qalba tal-qafas ta' żmien tar-residenza għal-linja speċifika ta' indaġni, riċerka, jew esperimentazzjoni artistika deskritta fil-proposta.

**[ ] Sessjonijiet ta' Involviment Pubbliku:** Ippjana u wettaq mill-inqas żewġ mumenti ta' trasferiment ta' għarfien u esperjenza, jew interazzjoni mal-pubbliku. Dawn jistgħu jieħdu l-forma ta' workshops, konverżazzjonijiet pubbliċi, sessjonijiet ta' studjow miftuħ, jew lekċers, fost oħrajn.

**[ ] Il-Buddy System:** Involci ruħek b'mod attiv mal-imsieħeb lokali, assenjat mid-Direttorat, sabiex jitrawwem skambju sinjifikanti mas-settur kreattiv lokali.

**[ ] Dokumentazzjoni tal-Proċess:** Żomm rekord viżiv u miktub tal-proċess tar-residenza (eż. ritratti, abbozzi, logbook jew filmati qosra), biex jinqasmu mad-Direttorat għal skopijiet ta' arkivjar u komunikazzjoni. Dawn għandhom jiġu sottomessi l-aktar tard fl-istadju ta' rrappurtar.

**[ ] Viżibiltà u Rikonoxximent:** Tassigura li kwalinkwe komunikazzjoni rigward ir-residenza tirrikonoxxi is-sapport tad-Direttorat tal-Kultura u kollaboraturi bl-użu ta'lingwaġġ u 'logos' kif gwidat.

**[ ] Rappurtar Finali:** Ikkommetti sabiex tiffinalizza u tissottometti rapport komprensiv (narrattiv u finanzjarju) fil-qafas ta' żmien stipulat hawn taħt, wara l-konklużjoni tar-residenza.

## Dokumentazzjoni Obbligatorja

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi onlajn sal-għeluq tas-sejħa. Sabiex il-proposta tkun eliġibbli, l-applikazzjoni trid tinkludi dawn id-dokumenti:

- **Proposta tal-proġett:** Deskrizzjoni dettaljata tal-iskop, metodoloġija u l-pjan (li twieġeb il-mistoqsijiet fil-formola tal-applikazzjoni bl-ingliż).
- **Dokument ta' Identifikazzjoni:** Kopja ta' passaport validu jew karta tal-identità nazzjonali.
- **Curriculum Vitae (CV):** Profil professjonali (massimu ta' 3 paġni), li juri l-esperjenza relevanti u l-edukazzjoni tiegħek.
- **Portafoll:** Portafoll professjonali jew kapmjun ta' xogħol li juri l-esperjenza professjonali relevanti għall-proposta. Skont id-dixxiplina pprattikata, din tista' tieħu l-forma ta' dossier viżiv (PDF), kampjuni ta' kitba, estratti ta' riċerka jew storja ta' pubblikazzjonijiet.

**Nota:** In-nuqqas ta' sottomissjoni ta' kwalunkwe mid-dokumenti mandatorji elenkati hawn fuq jirriżulta fi skwalifika awtomatika matul il-Verifika Amministrattiva.

## Proċess ta' Selezzjoni u Evalwazzjoni

Id-Direttorat tal-Kultura ser jaħtar bord ta' evalwaturi flimkien mal-kollaboraturi tiegħu, sabiex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet u ssellezzjonati il-benefiċjarji. Id-deċiżjoni tal-Bord hija finali.

L-applikazzjonijiet se jiġu evalwati b'mod kompetittiv skont il-kriterji li ġejjin:

1. **Kwalità tal-Indaġni Kreattiva**
2. **Rilevanza għall-Kuntest u l-Immersjoni**
3. **Valur tal-Esperimentazzjoni u t-Tkabbir Professjonali**
4. **Fattibilità u Ġestjoni**

Il-proċess ta' selezzjoni huwa maqsum fl-istadji hawn taħt imsemmija:

- **Stadju 1: Verifika Amministrattiva**

  L-applikazzjonijiet jiġu vverifikati għall-eliġibbiltà u l-kompletezza. Applikazzjonijiet mhux kompluti jew dawk li jonqoshom dokumentazzjoni mandatorja jiġu skwalifikati awtomatikament.

- **Stadju 2: Pre-Selezzjoni (Shortlisting)**

  Il-Bord tal-Evalwaturi jirrevedu l-Portafoll Professjonali u l-Ittra ta' Motivazzjoni.

- **Stadju 3: Fażi Prinċipali u Intervisti**

  Il-Bord jirrevedi l-proposta sħiħa tal-proġett fid-dettall. Il-kandidati magħżula jistgħu jiġu mistiedna għal intervista online biex jiddiskutu l-fattibilità tal-proġett tagħhom u l-pjan ta' involviment tagħhom.

- **Stadju 4: Notifika tar-Riżultati**

  L-applikanti kollha se jiġu notifikati bir-riżultat permezz ta' email sal-**5 ta' Ġunju 2026.**

Id-dettalji personali kollha riċevuti fl-istadju tal-applikazzjoni jitħassru fi tmiem il-kriterji tal-għażla.

Din hija sejħa ta' opportunitajiet indaqs, u jsir kull sforz biex jiġi żgurat proċess ta' selezzjoni ġust u aċċessibbli.

## Rappurtar

Wara tmiem ir-Residenza, il-benefiċjarju jrid jissottometti rapport bl-Ingliż. Dan jinvolvi t-tweġib ta' numru ta' mistoqsijiet, kif ukoll sett ta' dokumenti li juru l-implimentazzjoni tal-proġett.

Ir-rapport għandu jiġi sottomess f'massimu ta' **30 jum** minn tmiem ir-Residenza.

Nuqqas ta' sottomissjoni tar-rapport f'dan il-perjodu ta' żmien jikkostitwixxi ksur tal-kuntratt. Id-Direttorat għall-Kultura jirriżerva d-dritt li jżomm il-pagament finali (40%) u jfittex rimbors tal-ewwel pagament (60%).

## Taqsima 1: Ir-Rapport Narrattiv

### 1. It-Trajettorja tal-Indaġni (Riflessjoni tal-Pilastru tal-"Indaġni")

- *Għal residenza bbażata fuq proġett:* Iddeskrivi l-iżvilupp tax-xogħol prodott. Ksibt ir-riżultati li kont qed tantiċipa?
- *Għal residenza bbażata fuq riċerka:* Iddeskrivi l-evoluzzjoni tal-mistoqsija ta' riċerka tiegħek. Kif inbidlet l-ipoteżi oriġinali tiegħek ladarba interaġixxejt mal-kuntest speċifiku ta' Malta?

### 2. Involviment fil-Kuntest (Riflessjoni tal-Pilastru tal-"Immersjoni")

- **Il-‘Buddy System’:** Iddeskrivi l-iskambju tiegħek mal-buddy assenjat tiegħek. Kif appoġġjat l-integrazzjoni tiegħek, din ir-relazzjoni?
- **Il-Kuntest Lokali:** Elenka l-organizzazzjonijiet speċifiċi, is-siti, l-arkivji, jew il-komunitajiet li nvolvejt ruħek magħhom. Ir-realtà fiżika jew kulturali ta' Malta kif influwenzat il-proġett jew ir-riżultati tar-riċerka tiegħek?

### 3. Esperimentazzjoni u Metodoloġija (Riflessjoni tal-Pilastru tal-"Esperimentazzjoni")

- Int ġejt mistieden/mistiedna biex tmur "lil hinn mir-rutini stabbiliti." Iddeskrivi mument speċifiku fejn ittestjajt materjal, teknika, jew mod ġdid ta' kif taħdem.
- X'kienu l-isfidi tekniċi jew kunċettwali li ffaċċjajt? Kif għelibthom?

### 4. Involviment Pubbliku

- Ipprovdi taqsira tat-trasferiment ta' għarfien li tajt.
- Min kienet l-udjenza, u x'kienet it-tagħlima ewlenija minn dawn l-interazzjonijiet?

### 5. Lenti lejn il-Ġejjieni

- Din ir-residenza kif influwenzat id-direzzjoni tal-prattika futura tiegħek? Ħarġu xi sħubijiet jew kummissjonijiet konkreti minn dan iż-żmien?

## Taqsima 2: Ir-Rapport Finanzjarju (Rikonċiljazzjoni)

Il-benefiċjarji jridu jissottomettu **Dikjarazzjoni Finanzjarja** (bl-użu tal-mudell ipprovdut) li telenka l-ispejjeż attwali kollha.

## Taqsima 3: Annessi Obbligatorji

Bħala prova li r-residenza seħħet, il-provi li ġejjin għandhom jiġu mehmuża. Id-dokumenti kollha sottomessi jridu jiġu mmarkati kif ġej: **kunjom_isem_tip ta' prova.**

**1. Prova ta’ Mobiltà**

- Il-biljetti tat-titjir - għall-vjaġġ lejn Malta, u minn Malta, fejn jidhru biċ-ċar id-dati, u l-itinerarju.

**2. Evidenza tal-Proċess u r-Riżultat**

- *Għal residenza bbażata fuq proġett: Dossier viżiv (PDF) tax-xogħol li sar, abbozzi, prototipi, jew immappjar ta' siti maħluqa matul ir-residenza, kif ukoll immaġini/filmati b'riżoluzzjoni għolja tal-proġett finali.*

- *Għal residenza bbażata fuq riċerka: Research Log jew dossier li fih noti meħuda fil-post, sejbiet mill-arkivji, ġbir ta' informazzjoni, jew traskrizzjonijiet ta' intervisti, u/jew silta mill-kitba prodotta (eż., abbozz ta' kapitlu, esej, jew sinopsi tas-sejbiet).*

**3. Prova tal-Involviment Pubbliku**

- Evidenza tas-sessjonijiet tat-trasferiment ta' għarfien (eż., ritratti tal-workshop, screenshots tal-avviż tal-avveniment).